# 2.1 Fejn Ninsabu?

Malta tinsab fin-nofsinhar jew fin-naħa t'isfel ta' l-Ewropa sewwa sew fin-nofs tal-Baħar Mediterran. Il-kelma Mediterran tfisser il-*baħar tan-nofs*. Dan il-baħar imiss ma' tliet kontinenti kbar jiġifieri ma' l-Afrika, ma' l-Ewropa u ma' l-Asja.



## Il-Kontinenti u l-Oċeani

L-art kollha tad-dinja hija maqsuma f'sitt biċċiet kbar li nsejħulhom kontinenti. F'kull kontinent tista' ssib ħafna pajjiżi. Il-kontinenti huma l-Amerika, l-Afrika, l-Ewropa, l-Asja, l-Awstralja u l-Antartika.

Dawn il-kontinenti huma mdawrin b'ibħra kbar li nsejħulhom oċeani. Mela oċean huwa baħar kbir, ferm akbar mill-Mediterran li jdawwar 'il-Gżejjer Maltin. Hemm ħames oċeani kbar; dawn huma l-Oċean tan-Nofsinhar, il-Paċifiku, l-Oċean Indjan, l-Artiku u l-Oċean Atlantiku.






## Imla dan it-tagħrif biex turi eżatt fejn ninsabu

Klassi: ____________________

Skola: ____________________

Reġjun : ____________________

Triq: ____________________

Kontinent: ____________________

Raħal / Belt: ____________________

Blokk Ekonomiku: ______________

Pajjiż: ____________________

Pjaneta: ____________________




Malta tagħmel parti mill-Ewropa. L-Ewropa hija kontinent zgħir (l-Awstralja biss hija iżgħar) iżda fiha jgħixu ħafna nies. Insibu aktar minn 40 pajjiż fl-Ewropa u 25 minnhom, fosthom Malta, huma membri ta' l-Unjoni Ewropeja. Wieħed mill-għanijiet ta' l-EU huwa li tagħmel il-kummerċ bejn il-pajjiżi membri aktar faċli. L-Unjoni Ewropeja taħdem ukoll biex fil-pajjiżi membri kollha jkun hemm ambjent aktar nadif biex in-nies ikunu jistgħu jgħixu ħajja aħjar. Il-nies fil-pajjiżi membri ta' l-EU jistgħu jivjaġġaw mingħajr problemi ta' xejn minn pajjiż għall-ieħor u jistgħu jaħdmu wkoll f'kull pajjiż ta' l-Unjoni Ewropeja. Xi pajjiżi membri fl-UE jużaw l-istess munita li tissejjaħ l-ewro.

Għaqqad flimkien dawn is-sentenzi billi tiktibhom sewwa fil-post ipprovdut isfel.

Malta tinsab fin-nofsinhar

iżda lejn il-Lvant tmiss ma' l-Asja.

ta' l-Ewropa.

Fl-Ewropa hemm aktar minn

L-Ewropa hija mdawra bil-baħar

l-Ingilterra, il-Portugal u l-Greċja.

erbgħin pajjiż.

Ħamsa u għoxrin pajjiż fosthom Malta

Fl-Unjoni Ewropeja nsibu għadd ta' pajjiżi fosthom Franza, l-Italja

ngħaqdu u ffurmaw l-Unjoni Ewropeja.

Uża l-globu jew mappa tad-dinja biex timla din it-tabella.

| F'liema kontinenti jinsabu dawn il-pajjiżi? | | | |
|---|---|---|---|
| L-Italja | | Il-Libja | |
| Iċ -Ċina | | L-Indja | |
| Il-Brażil | | L-Istati Uniti | |
| Malta | | L-Eġittu | |
| L-Ingilterra | | Il-Kanada | |
| Il-Ġappun | | Ir-Russja | |
| Spanja | | Il-Ġermanja | |

Imla l-mappa tad-dinja li ssib hawn taħt kif ġej.

- Agħti kulur lill-kontinenti kollha kif indikat.

| | |
|---|---|
| Awstralja | ħamra |
| Amerika | safra |
| Ewropa | ħadra |
| Afrika | kannella |
| Asja | griża |
| Antartika | bajda |

- Ikteb l-isem ta' kull kontinent fil-post it-tajjeb fuq il-mappa.
- Agħti kulur ikħal lill-oċeani kollha.
- Ikteb l-isem ta' kull oċean fil-post it-tajjeb.

